Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,967, 29 ta' Novembru, 2022
Taqsima B

A.L. 314 tal-2022

ATT DWAR IL-BANK ĊENTRALI TA' MALTA (KAP. 204)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Ħatra ta' Awtorità Responsabbli biex timplimenta Strumenti Makroprudenzjali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 60(2) tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, il-Ministru responsabbli għall-finanzi, wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Ħatra ta' Awtorità Responsabbli biex timplimenta Strumenti Makroprudenzjali) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Ħatra ta' Awtorità Responsabbli biex timplimenta Strumenti Makroprudenzjali), hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali".

L.S. 204.06.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (2) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/878 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li temenda d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward ta' entitajiet eżentati, kumpanniji azzjonarji finanzjarji, kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta, remunerazzjoni, miżuri u setgħat superviżorji u miżuri ta' konservazzjoni ta' kapital, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "d-Direttiva", u jimplimenta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja, il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta' kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta' investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta' rappurtar u divulgazzjoni, u r-Regolament (UE) Numru 648/2012, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament".".

B 2344

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolamenti (1), (2) u (3) tiegħu, il-kliem "Ministru għall-Finanzi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Ministru responsabbli għall-finanzi"; u

(b) minnufih wara s-subregolament (3) tiegħu għandhom jiġu miżjuda dawn s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(4) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi qiegħed b'dan jaħtar lill-Bank Ċentrali ta' Malta, li għandu jaġixxi b'mod konġunt mal-awtorità kompetenti, bħala l-awtorità maħtura għall-għanijiet tal-Artikolu 124(1a) tar-Regolament sabiex perjodikament, u tal-inqas kull sena, tivvaluta jekk il-piż tar-riskju msemmi fl-Artikoli 125(2) jew 126(2) tar-Regolament jirriflettix b'mod adegwat ir-riskji attwali relatati ma' skoperturi għal segment wieħed jew aktar ta' proprjetà totalment garantiti b'ipoteki fuq proprjetà residenzjali jew proprjetà immobbli kummerċjali li tinsab f'Malta skont l-Artikolu 124 tar-Regolament u fejn tali piż tar-riskju huwa meqjus mhux adegwat, il-Bank Ċentrali ta' Malta, b'mod konġunt mal-awtorità kompetenti, tista' tistabbilixxi l-piżijiet tar-riskju applikabbli fil-meded li ġejjin:

(a) ħamsa u tletin fil-mija (35%) sa mija u ħamsin fil-mija (150%) għal skoperturi garantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali; u

(b) ħamsin fil-mija (50%) sa mija u ħamsin fil-mija (150%) għal skoperturi garantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli kummerċjali.

(5) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi qiegħed b'dan jaħtar lill-Bank Ċentrali ta' Malta, li għandu jaġixxi b'mod konġunt mal-awtorità kompetenti bħala l-awtorità maħtura għall-finijiet tal-Artikolu 164(5) tar-Regolament sabiex perjodikament, u tal-inqas kull sena, tivvaluta jekk il-valuri minimi ta' Telf fil-Każ ta' Inadempjenza (LGD), kif imsemmi fl-Artikolu 164(4) tar-Regolament, humiex adatti għal skoperturi garantiti b'ipoteki fuq proprjetà residenzjali jew proprjetà immobbli kummerċjali li tinsab f'Malta, u tiffissa valuri minimi ogħla tal-LGD għal dawk l-iskoperturi jekk dawn jiġu valutati li mhumiex adegwati, u jekk l-inadegwatezza tagħhom tista' taffettwa b'mod negattiv l-istabbiltà finanzjarja attwali jew futura ta' Malta. L-imsemmija valuri minimi ogħla tal-LGD jistgħu jiġu applikati wkoll fil-livell ta' segment wieħed jew aktar ta' proprjetà ta' tali skoperturi.".